# Annetto Dimech

## 19.03.1923 – 27.08.2015

Minn **Michelle Giusti**



*Nettu, liebes ta' suldat flimkien ma' ħuħ Frans.*



*Nettu, jaħdem fuq it-trakk tal-M.M.U.*



*Nettu, flimkien man-neputija, Michelle*

Annetto Dimech jew iktar magħruf bħala Nettu, twieled il-Furjana fil-mezzanin li hemm fuq il- ħanut *Green Shutters* fil-festa ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu 1923. Kien it-tielet wild minn tmien aħwa ta' Mikiel u Pawla neè Callus. Għalkemm kienu ser isemmuh Ġużeppi għall-qaddis tal-ġurnata, fil-kamra tal-Battisteru u mħajjar mill-arċipriet ta' dak iż-żmien, missieru Mikiel semmih Nettu għal missieru li għalih kien il-laqam antik tagħna "Ta' Nettu" li maż-żmien bdejna nissejħu tal-"*Green Shutters*."

Nettu mar l-iskola primarja tal-Furjana u għamel sal-livel sekondarju. Bħal ħutu ta' qablu, kif tfarrfar beda jmur jgħin lil missieru fil-ħanut. Imma kif faqqgħet il-gwerra u kif għalaq it-18 il-sena, liz-ziju ġabruh suldat. Ġo pitazz oħxon u miktub bil-pinna, iz-ziju kiteb il-ħajja tiegħu ta' tbatija u swied il-qalb li għadda minnhom u li ma nistax nikteb fid-dettal.

Isemmi kemm il-darba li ra l-mewt ma' wiċċu u l-biża' li kellu li jsib il-familja mirduma. Meta ntlaqtet il-Furjana b'mod speċjali il-knisja u l-vara ta' San Publju, kien sejjer in-Naxxar fuq trakk u minħabba li dak il-ħin kien il-Furjana, talab biex imur jara kif inhuma tad-dar peress li kien sema' bl-attakk fuq dawn l-inħawi.

Meta spiċċat il-gwerra u fetħet il-fabbrika tal-M.M.U. (tal-ħalib) fil-Ħamrun, iz-ziju daħal jaħdem f'din il-fabbrika bħala *sprayer*. Kien jieħu ħsieb jagħmel it-tabelli u l-armi fuq it-trakkijiet ta' l-istess ditta. Kif spiċċa minn hemm, baqa' jmur jgħin lil missieri fil-ħanut li dak iż-żmien kien għadda f'idejh. Baqa' jmur sakemm ippermetietlu saħħtu.

Iz-ziju kellu mħabba kbira lejn l-annimali l-iktar il-klieb. In-nies ġieli rreferew għalih bħala z-ziju, dak li kien joħroġ il-kelb. Meta kont żgħira kemm il-darba kont immur miegħu u l-kelba lejn in-naħa tal-Kapuċċini u kif naslu ħdejn il-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes, jagħtini l-flus biex nitfa' fil-kaxxa tal-



*Nettu, flimkien man-neputija tiegħu Michelle meta għalaq 92 sena.*



***Nettu, fil-kappella San Publju***



***Nettu, fil-purċissjoni ta' San Publju fl-okkażjoni tas-sena ċentinarja 2010-2011***

offerti mal-ġenb tal-bieb wara li ngħidu xi talba. Għal dawn l-aħħar 10 snin, iz-ziju ma felaħx joħroġ aktar, u aħna n-neputijiet, inkluż it-tfal tagħna, ħadna ħsiebu biex seta' jibqa' d-dar sakemm wasal iż-żmien li jirtira ġo dar tal-anzjani. Wara 9 xhur, iz-ziju Nettu mar jiltaqa' mall-Hallieq u ma' missierna San Publju li kien tant iħobb, nhar il-Hamis 27 ta' Awwissu 2015 fis-6.45pm fl-età sabiħa ta' 92 sena. Qatt m'aħna ser ninsew ir-rakkonti, it-tifkiriet u l-imħabba li tagħna daqs li kieku konna wliedu. Fis-sema fejn qiegħed, berikna Zi.

## *Il-Panini*

L-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta
Issa għalqet erba' snin.
Antoine J.Hili biċ-ċajt qalli:
" Fuq il-panini għamel kelmtej' "

Ispirani l-membru u l-editur
li mal-panini għandi konessjoni
u ħsibt f'għeluq it-tnax il sena tal-kappella
Poeżija wkoll nikteb għall-okkażjoni.

Għax jien panini nagħmel
Kull meta jkollna xi festin
u nagħmilhom b'qalbi kollha.
Mhux qed ngħidu b'xi ftaħir.

Tajbin jgħidu li jiġu
u dan jidher biċ-ċar
għax fl-aħħar tal-okkażjoni
anqas tibqa' waħda 'mqar'.

Kull sena ċempila nagħmel
lil ħabibti Rosette Hili
u nistaqsiha "X'hemm bżonn nagħmel?"
dlonk tgħidli 'Agħmel ftit panini!"

L-ingredenti jirrikjedu
tonn taż-żejt, żebbuġ u kunserva.
b'attenzjoni jien nimlihom
b'imħabba u l-paċenzja.

Ikollna pastizzi, *sandwiches*', kejkijiet.
Kulħadd jgħati daqqa t'id.
Coca, *ice tea* u luminati
u ma tonqosx xi tazza nbid.

B'hekk nagħmlu bħal Publju tagħna
meta 'l San Pawl u 'l sħabu żammhom miegħu.
Tahom x'jieklu u x'jixorbu
u kull ma kellhom bżonn tahom minn tiegħu.

U meta Kristu l-Mulej ġabar għal ikla
Lill-Appostli fl-aħħar ċena,
Illum qaddisin fis-sema
Fil-ġenna jgawdu l-hena.

Mela ħuti, ulied San Publju,
Kif taraw, bil-festin jingħaqdu n-nies.
Però żommu dal-parir f'moħħkom.
Dejjem kulu u ixorbu bil-qies.